# KUNSILL LOKALI SIĠĠIEWI
## CITTÀ FERDINAND

## MINUTI – LAQGĦAT TAL-KUNSILL

## SEDUTA NRU 207 – Il-Tnejn 11 ta' Mejju, 2009

Il-Kunsill iltaqa' fl-uffiċċju tiegħu, 20, Pjazza San Nikola, is-Siġġiewi, fis-7.00pm

Is-Sindku, il-Perit Robert Musumeci ippresieda.

### PREŻENTI

Is-Sindku l-Perit Robert Musumeci
Il-Viċi-Sindku Dr Karol Aquilina
Il-Kunsillier Nicholas Cassar
Il-Kunsilliera Rita Psaila
Il-Kunsillier Joseph Sammut
Il-Kunsillier Jesmond Tanti
Il-Kunsillier Dr Mark A. Vassallo

Uffiċċjal: Is-Segretarju Eżekuttiv is-Sur Nicholas Baldacchino

### TALBA

Is-Sindku stieden lill-membri sabiex tingħad it-talba.

## QARI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

Is-Sindku ippropona li l-Minuti tas-Seduta 206 ikunu approvati bħala dokument korrett.
Il-Kunsillier Joseph Sammut issekonda.
Il-Kunsill unanimament qabel li japprova dan id-dokument bħala wieħed korrett.

## PUNTI LI JOĦORĠU MILL-MINUTI

### Id-Day Care Centre

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li kien irċieva tweġiba mingħand id-Direttur tal-Kunsilli Lokali dwar dan li ġej:

(1) Il-Kunsill huwa obbligat li joħroġ sejħa għall-offerti biex jixtri propjetà

(2) Jekk Il-Kunsill ikun jaf b'xi sid ta' propjetà jista' biss jinfurmah li jekk inhu interessat jista' jitfa' l-offerta tiegħu, biss hu rakkomandat li dan ma jsirx biex jiġi eliminate kull suspett li jista' jwassal għal xi appell aktar 'il quddiem wara li tingħata t-tender.

(3) Jekk il-Kunsill ikun se jixtri propjetà, biex il-finanzjament ikun mifrux fuq diversi snin, iġifieri jew jitħallas fuq numru ta' snin maqbula, jew inkella isir self mill-bank u jitħallas mill-ewwel, trid issib talba lill-ministru tramite d-dipartiment skond l-artiklu ta' l-Att dwar il-Kunsilli Lokali u dan jekk l-ammont jisboq l-allokazzjoni finanzjara tal-Kunsill għal dik is-sena.

Il-Viċi-Sindku ippropona biex issir talba lill-Ministru għal self ta' €400,000 u li dawn jitħallsu f'perjodu ta' ħmistax-il sena (15).

Is-segretarju għandu wkoll iħejji pjan għal dan il-proġett.
Is-Sindku issekonda u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

### Ground tal-Football

Il-Kunsillier Jesmond Tanti qal li kien infurmat mill-President tas-*Siggiewi Football Club* li kienu għadhom qed jistennew tweġiba mill-entitajiet konċernati.

### Monument Patri Ġużè Delia sj

Il-Viċi-Sindku qal li x-xogħol tal-iskultura jinsab fi stadju avvanzat u hemm il-ħsieb li l-ftuħ issa ġie kkonfermat li se jsir il-Ħadd 11 t'Ottubru wara nofsinhar mill-Eċċellenza tiegħu Mons Arċisqof Pawl Cremona OP.

**Triq Monsinjur Mikiel Azzopardi**

Is-Sindku qal li l-bidu tal-overlay mistenni li jsir fil-jiem li ġejjin u s-Segretarju kien infurmat li l-kuntrattur ma setax jibda x-xogħol minħabba nuqqas fil-provista tat-*tarmac*.

Rigward ir-*roundabout* issuġġerita mill-Viċi Sindku fil-lok fejn tiżbokka Triq il-Kbira, is-Segretarju informa lill-Kunsill li l-Perit kien qal li kif inhi t-triq ma tistax issir. Is-soluzzjoni trid tkun li tersaq aktar lejn il-ħajt u biex jiġri hekk trid tkun meħuda biċċa mill-għalqa tal-faċċata.

Is-Sindku ippropona li x-xogħol tal-overlay għandu jibda u jingħata proċess biex tinstab soluzzjoni għar-roundabout.

Il-Vċi-Sindku issekonda u l-Kunsill approva b'mod unanimu.

**Jum is-Siġġiewi**

Il-Kunsillier Joseph Sammut qal li r-reazzjoni informali li kellu tal-membri tas-sotto-kumitat kienet li ma jaqblux li din l-attività tkun inkorporata mal-wirja agrarja.

Il-Viċi-Sindku ippropona li għalhekk Jum is-Siġġiewi jkun iċċelebrat nhar il-Ħadd 13 ta' Settembru.

**Attività ħdejn is-Salib tal-Għolja**

Is-Sindku informa lill-Kunsill li l-persuna inkarigata ma kinitx għada interessata li torganizza l-attività.

**Konservazzjoni u titjib fil-livell tal-wirt kulturali (miżura 323)**

Is-Sindku qal li t-tweġiba għal din l-iskema kienet waħda tajba ħafna, u għalkemm l-applikazzjoni għadha qed tinħadem, jidher li se jkun hemm talba għal madwar €300,000 biex jissewwew il-ħitan tas-sejjieħ.

Huwa qal li min se japplika se jieħu sussidju ta' 90% fuq l-istima, waqt li l-10% tal-istima titħallas mill-individwu. Barra minn dan, mhux biss is-sidien tal-għelieqi li l-ħitan tagħhom imissu ma' art pubblika, jistgħu japplikaw imma wkoll li għandhom ir-raba' mikri għandhom jew qegħdin bi qbiela.

Huwa kompla jgħid li se ssir applikazzjoni għall-miżura 313 bl-iskop li jkun hemm aktar punti fl-evalwazzjoni tal-miżura tal-323.

**Talba għal sinjali sofor quddiem garage fi Pjazza San Nikola**

Billi għas-seduta kien preżenti l-Perit David Vassallo, is-Sindku talbu kjarifa dwar din it-talba u talbiet oħra simili bħala. Il-Perit Vassallo qal li fejn hemm garaxx issir kaxxa safra u s-sid ikun jista' jipparkja l-vettura tiegħu.

Is-Sindku ippropona li t-talba ta' Emanuel Camilleri, ta' 37, Pjazza San Nikola tiġi milqugħa.

Il-Kunsillier Nikol Cassar issekonda u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

# FINANZI

### Pagamenti

Is-Segretarju Eżekuttiv poġġa fuq il-mejda kopja tad-dokument li juri l-lista tal-pagamenti. Is-Sindku ippropona li l-pagamenti, barra dawk relatati mal-Kumitat Konġunt, jiġu approvati kif inhuma.

Il-Kunsillier Jesond Tanti issekonda. Il-Kunsill approva b'mod unanimu.
Is-Sindku ressaq għall-vot il-ħlasijiet relatati mal-Kumitat Konġunt. L-eżitu kien:

Voti Favur: 6
Voti Kontra: 0
Il-Viċi-Sindku Dr Karol Aquilina astjena.

### Rapport Finanzjarju għas-sena 2008/2009

Preżenti għad-diskussjoni kien preżenti s-sur Pierre Mangion, l-*accountant* tal-Kunsill li intalab diversi kjarifiki b'mod partikolari dwar id-dipprezzment. Is-Sindku qal li kull meta jsir xogħol ta' resurfacing f'toroq li jkunu diġà ġew resurfaced mill-Kunsill, is-Segretarju għandha jindika b'dan lill-accountant biex ma jsirx dipprezzament doppju.

L-*accountant* qal l-working capital għal din is-sena finanzjarja għandu bilanċ ta' €170,183.

Is-Sindku ippropona li r-rapport finanzjarju għas-sena 2008/2009, barra d-dħul u l-ħruġ relatati mal-Kumitat Konġunt, jiġi approvat kif inhu.

Il-Kunsilliera Rita Psaila issekondat. Il-Kunsill approva b'mod unanimu.

Is-Sindku ressaq għall-vot id-dħul u l-ħruġ relatati mal-Kumitat Konġunt. L-eżitu kien:

Voti Favur: 6
Voti Kontra: 0
Il-Viċi-Sindku Dr Karol Aquilina astjena.

# KORRISPONDENZA

**Talba għal sinjali tat-traffiku minn MK Leisure**
Il-Montekristo Estates qed jitolbu li jagħmlu sinjali li jindikaw dan il-post – fil-bidu tat-triq ta' Ħal Farruġ.

Is-Sindku ippropona li din it-talba għandha tkun aċċettata bil-kundizzjoni li s-sinjali jsiru skond il-permessi meħtieġa. Il-Kunsillier Jesmond Tanti issekonda. Il-Kunsill qabel b'mod unanimu.

**Reinstatment ta' ħofor**
Il-grupp tal-armar talab li jsir *re-instatement* ta' ħofra fi Triq Sta Margerita kantuniera ma' Triq Ħal Niklusi, u l-oħra fi Triq Dr Nikola Zammit qrib il-payground. L-iskop huwa li jsiru arbli temporanji biex jitwaħħlu magħhom fustuni tad-dawl.

Il-Kunsillier Jesmond Tanti ippropona
Il-Viċi-Sindku issekonda.
Il-Kunsill qabel b'mod unanimu.

**Talba mis-Siggiewi Brass Band**
L-Għaqda Siġġiewi Brass Band qed titlob li l-arblu tal-*pedestrian crossing* ta' ħdejn il-Knisja fi Pjazza San Nikola, ikun spustjat bi ftit metri 'l isfel kif muri fuq pjanti annessa. Qed titlob ukoll li titħaffer toqba fil-wiċċ tal-art fejn tintrama' l-kolonna armata mill-imsemmija għaqda.

Is-Sindku qal li s-Segretarju għandu jikkuntattja lill-Arċipriet u jiġbor l-informazzjoni neċessarja qabel tittieħed deċiżjoni.

## ĦWEJJEĠ OĦRA

**Kuntratt ta' Customer Support Clerk**
Is-Segretarju Eżekuttiv ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill għall-kuntratt tal-*Customer Support Clerk* u li dan jista' jerġa' jiġġedded fil-21 t'April 2010. Huwa kompla jgħid li l-Kunsill irid jirregolarizza ruħu vis-à-vis il-memo 27/2008.

Il-Viċi-Sindku qal li billi Ms Agnes Borg ilha ingaġġata mal-Kunsill bħala Customer Support Clerk fuq bażi kuntrattwali għal dawn l-aħħar disa' (9) snin, u għalhekk għandha esperjenza vasta u dejjem qdiet dmira b'mod eżemplari u effiċjenti, tant li l-kuntratt tagħha dejjem iġġedded b'mod unanimu, u billi l-popolazzjoni tas-Siġġiewi skont kif tidher fl-aħħar stima li giet ippublikata fil-Gazzetta tal-Gvern, tlaħħaq għal 8,097 persuna, u allura skond il-Liġi tal-Kunsilli Lokali il-Kunsill jista' jimpjega persuna oħra, ippropona li jintalab il-permess tad-Dipartiment biex Ms Agnese Borg tiġi impjegata mal-Kunsill fuq bażi *part-time*.

Is-Sindku issekonda. Il-Kunsill qabel b'mod unanimu.

**Skema attivitajiet Sportivi**

Is-Segretarju qal li kien irċieva komunikat mis-Segretarja Bord ta' Evalwazzjoni Skema Attivitajiet Sportivi tas-Segretarjat Parlamentari għall-Isports li l-applikazzjoni tagħna ġie ikkunsidrata eleġibbli għall-fondi.

Is-Sindku ippropona li għandna nallokaw is-somma ta' €620 għal dan il-proġett.

Il-Viċi-Sindku issekonda u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

**Triq Lorenzo Gafà**

Is-Sindku qal li fid-dawl tal-fatt li din it-triq tinsab fi stat prekarju u ma jidhirx li jaqbel tissewwa bil-*patching*, huwa talab lis-Segretarju jitlob stima tax-xogħlijiet neċessarji biex issir bit-*tarmac* u jagħmel *coordination meeting* biex jinstab jekk hemmx ħtieġa ta' servizzi ġodda.

**Mera Triq ta' Bur-il Kbir**

Il-Kunsillier Joseph Sammut qal li minkejja li l-mera fi Triq Bur-il Kbir kantuniera ma' Triq ta' San Teodoru tkissret darbtejn, ippropona li din terġa' ssir għax mingħajra t-triq hija perikoluża.

Il-Kunsillier Mark Vassallo issekonda u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

**Mera fi Triq Ta' Kandja**

Il-Kunsillier Nikol Cassar ippropona li mera li tkissret fi Triq ta' Kandja għandha terġa' ssir. Il-Kunsillier Jesmond Tanti issekonda u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

**Junction Box fi Triq il-Kbira**

Il-Viċi-Sindku qal li l-*Junction Box* quddiem il-Palazz ta' Fiefu għandha titwessa' għaliex vetturi ipparkjati xorta waħda qegħdin jostakolaw l-aċċess għall-isqaq magħruf bħala ż-Żenqa.

Il-Kunsillier Jesmond Tanti issekonda. Il-Kunsill qabel b'mod unanimu.

**Linja safra quddiem Triq San Ġakbu**

Il-Kunsillier Nikol Cassar qal li r-residenza tal-familja Cilia, minħabba li m'hemmx bankina għandu jsir sinjal isfar biex ikun hemm aċċess liberu.
Is-Sindku issekonda u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

**Pre-announcement tal-ERDF**

Il-Kunsillier Dr Mark Anthony Vassallo ġibed l-attenzjoni tal-pre-announcement tal-*European Regional Development Fund*. Is-Sindku qal li meta dan joħroġ għandna nieħdu l-parir ta' konsulent u jekk l-opinjoni tkun waħda favorevoli, għandna napplikaw.

## GĦELUQ TAS-SEDUTA

Is-Sindku ddikjara din is-seduta bħala magħluqa fid-9:30pm u ippropona li s-Seduta li jmiss titlaqqa' t-Tnejn **15 ta' Ġunju, 2009.** Il-Kunsilliera aċċettaw b'mod unanimu.

| | |
|---|---|
| Il-Perit Robert Musumeci | Nikol Baldacchino |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |

Konfermati llum it-Tnejn, 15 ta' Ġunju, 2009